**MALTA**

**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-15 ta' Dicembru, 2016.**

**Rikors Numru 620/2016 SM**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**(C – 2833)**

**vs.**

**Saviour u Catherine mizzewgin Dalli**
**(K.I. numri 88258(M) u 77759 (M))**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-26 ta' Lulju, 2016, li permezz tieghu r-rapprezentant tal-istess bank rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi permezz tal-kuntratti *in atti* tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa riferiti fl-imsemmi rikors promotur, (ara foll 1),

il-bank rikorrenti kkonceda facilitajiet bankarji lill-intimati, (ara foll 6, 13, 20 u 27);

1.2. Illi l-bank rikorrenti hu kreditur tal-intimati fl-ammont ta' hames mija u erbghin elf, seba' mija u disgha u tmenin euro u disgha u hamsin centezmu, (€540,789.59), bilanc lilhu dovut mill-istess intimati ghall-facilitajiet hekk lilhom koncessi, (ara foll 33 sa 41, foll 42 sa 46, 47 sa 50 u 51 sa 54), oltre l-imghaxijiet relattivi ulterjuri mid-9 ta' Lulju, 2016, sad-data tal-effettiv pagament;

1.3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija specifikament fil-kuntratti fuq gia` riferiti, (ara foll 2);

1.4. Illi ghalkemm interpellati biex jaghmlu tajjeb ghad-debitu minnhom dovut lill-bank rikorrenti, l-intimati baqghu inadempjenti;

1.5. Illi ghalhekk kien kostrett jadixxi din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.5.1. Tiddikjara li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti *de quo* kif deskritti fl-istess rikors guramentat promotur;

1.5.2. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lill-bank rikorrenti s-somma ta' €540,789.59, bilanc mid-debitu tal-istess intimati mall-bank rikorrenti;

1.5.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimati;

2. Rat id-digriet taghha datat is-27 ta' Lulju, 2016, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors guramentat promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 58);

3. Tirrileva li ghalkemm debitament notifikati bl-istess rikors promotur u bl-avviz ghas-smigh, l-intimati ghazlu li ma jintavolaw l-ebda risposta, (ara foll 60);

4. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

5. Semghet lir-rapprezentanti tal-bank rikorrenti tikkonferma t-talbiet kollha inkluzi fir-rikors guramentat promotur *stante* li mid-data tal-prezentata tar-rikors *de quo* l-intimati baqghu m'effettwaw l-ebda pagament lill-bank rikorrenti skont l-obbligi fuq indikati;

6. Tiddikjara li ghalkemm l-intimati nghataw l-opportunita` iressqu l-posizzjoni taghhom bil-miktub dawn ghazlu li ma jaghmlu xejn fir-rigward;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi in vista tal-premess tiddikjara li hi sodisfatta li l-bank rikorrenti ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

7.1. Tiddikjara li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq riferiti, partikolarment izda mhux esklussivament, billi l-intimati:

7.1.1. Naqqsu li jhallsu l-pagamenti dovuti lill-bank rikorrenti kif stabbilit fl-istess kuntratti;

7.1.2. Kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti;

7.1.3. Hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-intimati li jipperikolaw jew jeffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tad-debitu in dizamina lil-bank rikorrenti;

7.2. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lill-bank rikorrenti hames mija u erbghin elf, seba' mija u disgha u tmenin euro u disgha u hamsin centezmu, (€540,789.59), bilanc ghad-debitu ghas-self u *"overdraft"* koncess lilhom, flimkien mal-imghax ulterjuri mid-9 ta' Lulju, 2016, sad-data tal-effettiv pagament;

7.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimati;

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**